MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 68/2003

**Walter Mompalao**

**vs**

**Stephen Xiberras**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi nhar l-erbgha (4) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) waqt li Eve Mompalao kienet qed issuq il-vettura ta’ l-attur tal-marka Toyota bin-numru EAD 719, matul Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, hi giet investita minn wara minn vettura tal-marka Nissan bin-numru JBD 045 misjuqa mill-konvenut ghal liema incident jahti l-konvenut minhabba negligenza da parti tieghu. U peress li l-attur sofra danni fl-ammont ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300).

Jghid il-konvenut ghalfejn ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li jhallas is-somma ta' tlett mitt liri Maltin (LM300) kif fuq dovuti. Bl-imghax. Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Marzu 2003 u ta' l-ittra ufficcjali spedita lil assikurazjoni kontestwalment ma' dan l-avviz."

Ra r-risposta:

"Illi r-responsabbilita' ghall-incident meritu ta' din il-kawza qatt ma giet kontestata mill-konvenut, jew mis-socjeta' assiguratrici tieghu, u ghalhekk it-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita' hija superfluwa u inutile u l-ispejjez relativi jridu jithallsu mill-attur.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, li gie kontestat, u ghadu jigi kontestat huwa l-ammont tad-danni illi qed jippretendi l-attur. Skond il-handbook tal-kumpanniji assikuratrici, u skond il-valuri korrenti fis-suq, il-valur ta' vettura Toyota Corolla tat-tip identiku ghal dak tal-attur ma jista' qatt jeccedi Lm200. Il-vettura tal-attur kienet fi stat distastrat anke qabel l-incident; tant illi kellha il-body taghha qed jaqa' bicciet bis-sadid. Is-socjeta' assikuratrici kienet offriet Lm100 a saldu lill-attur; izda dan pretenda is-somma ta' Lm300 – somma illi tizboq il-valur intier tal-vettura.

Salvi eccezzjonijiet fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni, it-talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita', ghalkemm tabilhaqq kienet superfluwa, ma ggib ebda zjieda fl-ispejjez tal-istanti;

Illi fil-mertu, rrizulta li skond il-Motor Vehicle Values Guidebook tat-2002 (esibit a fol 13) il-valur normali li ggib karozza tal-ghamla u tas-sena tal-manifattura bhal dik tal-attur huwa ta' LM300. Dan ma jaqbilx mas-somma ta' LM200 citata mis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kif

ukoll dik tas-surveyor. Verament dawn fl-ahhar tas-smiegh ta' din il-kawza esebew Dok SS1 li huwa l-MVVG tas-sena 2003 li juri l-valur bhala LM200. Is-surveyor wara li ha in kunsiderazzjoni l-istat hazin li fih kienet il-karozza, l-iktar minhabba s-sadid li qal li kellha, naqqas LM100 mill-prezz ta' mitejn lira biex b'hekk l-istima giet ta' LM100 bhala total loss; izda in kontro-ezami ammetta li l-valur kellu jkun ta' LM300 u mhux LM200. It-Tribunal pero' ma jhossx li s-sadid f'karozza daqshekk qadima ghandu jaghmel xi differenza daqstant kbira fil-prezz taghha.

Illi l-valur ta' LM200 huwa ghas-sena 2003 kollha kemm hi filwaqt li l-habta sehhet fil-bidu tal-istess sena u ghalhekk il-valur ma jkunx ghadu naqas daqstant.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni billi din ma tirrizultax, jilqa' in parte t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM230 bhala danni. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27.03.2003 u tal-ittra ufficcjali spedita lid-ditta assikuratrici kontestwalment mal-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------